MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1023/1997/1

**Norman Bezzina**

**v.**

**Joe Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attur fit-8 ta' Mejju 1997, li jaqra hekk: "
"Peress illi fi ktieb miktub mill-konvenut intitolat **'ID-DJARJU TA' CIRO DEL NEGRO'** pubblikat fl-1 ta' Mejju tal-1997 mill-SKS (Sensiela Kotba Socjalisti) u mahrug mid-Dipartiment tat-Taghrif tal-Partit Laburista (Dok A),

gew attribwiti fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront tal-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi li jweggghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu;

“Peress illi l-konvenut huwa l-awtur tal-ktieb imsemmi;

“Peress illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata, ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijet premessi din il-Qorti m’ghandiex;

“1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

“2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 ta’ Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.“

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol. 10) li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront tal-attur.

“2. Illi l-fatti kontenuti fil-ktieb imsemmi jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm taht il-ligijiet tal-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

“3. Illi noltre l-pubblikazzjoni msemmija tikkontjeni ntervisti fidili minn personaggi nvoluti fil-kwistjonijiet imsemmija.

“4. Illi noltre l-pubblikazzjoni hija koperta bil-privilegg a bazi tal-artikolu 12A u l-artikolu 33 (b) u (d) tal-Att X tal-1996.

“5. Illi in kwantu l-ktieb jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’*fair comment* dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku u huma accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.“

Rat li din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet **Norman Bezzina v. Joe Mifsud et noe.**, Citazzjoni Numru 1024/97, nstemghu flimkien billi jittrattaw l-istess meritu ghalkemm f’pubblikazzjonijiet differenti, u l-provi f’din il-kawza tqiesu li jiswew ghall-ohra, u z-zewg kawzi gew decizi mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-istess jum;

Rat is-sentenza moghtija f’din il-kawza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru, 2007, li in forza taghha cahdet it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-konvenut jallega li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet izda l-attur rega lura minn dana l-ftehim. Jirrizulta mill-process li kienet saret proposta mill-konvenut ta’ transazzjoni (ara fol. 28) u skond il-konvenut l-attur kien accetta dina l-proposta u wettaq dak li gie propost lilu in via ta’ transazzjoni u l-konvenut ippubblika dikjarazzjoni fil-gurnal Il-Kulhadd kif jidher mid-dokument a fol. 44 Dok NB6, ghalhekk l-attur issa gie li rrinunzja ghall prosegwiment tal-azzjoni.

“L-attur ma jaqbilx li kienet sehhet it-transazzjoni billi ma kienx jaqbel mal-kontroproposta tal-konvenut (ara fol. 42) u hu kien qal lill avukat tieghu biex imexxi bil-kawza. Fil-fatt l-attur talab li l-kawza terga tigi riappuntata wara li l-Qorti kienet tefghatha *sine die*.

“Il-Qorti ezaminat il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet in via ta’ transazzjoni Dokti NB1 sa NB6 u minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-kontroproposta tal-konvenut ma kienitx accettabili ghall attur kif anke jirrizulta mill-ittra tal-Avukat dak iz-zmien tieghu Dr. Toni Abela a fol. 43, ghalhekk it-transazzjoni ma jistax jinghad li sehhet u d-dikjarazzjoni li saret fil-gurnal Il-Kulhadd ma tissodisfax id-dikjarazzjoni li kien talab l-attur.

“**KONTESTAZZJONI**

“L-attur qed joggezzjona ghal siltiet milll-ktieb intitolat “Id-Djarju ta’ Ciro del Negro” li l-awtur tieghu hu l-konvenut Joe Mifsud, u l-artikolu ppubblikat fil-gurnal Il-Kulhadd li deher fl-4 ta’ Mejju 1997 li l-awtur tieghu hu wkoll il-konvenut Joe Mifsud u l-editur l-konvenut Felix Agius. Dawn iz-zewg pubblikazzjonijiet ser jigu trattati flimkien.

“L-attur hassu ngurjat bl-allegazzjonijiet li jinsabu f’dawn il-kitbiet. Hu jhossu malafamat ghax inghatat l-impressjoni fil-ktieb li huwa kellu x’jaqsam ma’ personaggi notorji bhal Meinrad Calleja u Leli l-Bully. Inoltre jilmenta fuq siltiet mill-ktieb u fuq l-artikolu ppubblikat f’Il-Kulhadd fejn gew ripetuti allegazzjonijiet li hu pprova jikkorrompi Ministru u li kien involut f’xi korruzzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-bini tal-isptar il-gdid. Ighid li hu facilment identifikabbli billi taht l-artikolu hemm ritratt tieghu b’ismu vicin ta’ Del Negro. L-attur isostni li ma jirrizulta minn imkien mill-provi li hu kien ipprova jikkorrompi Ministru jew li bhala fatt kien involut f’xi korruzzjoni relatat ma’ l-isptar Mater Dei. Inoltre meta xehed l-Assistent Kummissarju Michael Cassar dan ikkonferma li l-awtoritajiet ma kellhomx provi bizzejjed biex jibdew investigazzjonijiet kontra tieghu.

“B’referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenut dwar “*fair* comment”, l-attur isosstni li biex kumment ikun *fair* il-fatti allegati jridu jigu pruvati, imma f’dan il-kaz l-involviment tieghu f’korruzzjoni bl-ebda mod ma giet pruvata. Kwantu ghall eccezzjoni dwar Privilegg taht l-art 12A u 33(b) u (d) tal Kap 248 l-attur jghid li l-privilegg mhux applikabbli fil-kaz odjern.

"Min-naha l-ohra l-konvenut Mifsud isostni li dak li hemm fil-ktieb u li inkiteb fl-artikolu ma kienx xi nvenzjoni tieghu, izda kollox hareg minn xhieda u dokumentazzjoni tal-Qorti u minn dokumentazzjoni ufficjali tal-investigazzjoni tal-Pulizija u minn intervisti ta' persuni importanti f'dak li kien qed jigi rapportat. L-istorja kienet wahda attwali u ta' interess pubbliku u certament tali li titlob konsiderazzjoni, kummenti u analizi. Il-konvenut isostni li hu ppubblika l-versjonijiet kollha, kemm dawk li hargu mid-dokumentazzjoni tal-pulizija, ix-xhieda tal-Qorti, l-intervista ma' Del Negro kif ukoll ic-cahda tal-attur permezz ta' stqarrija tieghu stess.

"Il-konvenut Felix Agius fil-kawza li saret kontra tieghu wkoll ma ressaq ebda provi.

"**PROVI**

"L-attur istitwixxa dawn il-procedura billi huwa hassu malafamat bl-artikolku li deher fil-gurnal Il-Kulhadd u s-siltiet mill-ktieb "Id-Djarju ta' Ciro del Negro".

"Il-Qorti sejra tezamina l-provi biss fil-konfront tal-allegazzjonijiet attrici u limitatament ghal dawk il-brani li l-attur qed ihoss li huma malafamanti fil-konfront tieghu fil-ktieb u fl-artikolu inkriminat u mhux dwar allegazzjonijiet li saru fuq affarijiet ohra li kienu mertu ta' kawzi ohra, illum decizi. Is-sentenza qed tigi limitata ghall parametri imposti lilha mill-istess azzjoni attrici fid-dawl tal-eccezzonijiet tal-konvenut, bbazata unikament fuq dak li jirrizulta mill-atti li huma rilevanti ghall mertu tal-kawza.

"Fix-xhieda tieghu l-attur indika fil-pagni 17 u 18 tal-process dawk is-siltiet li hu qed joggezzjona ghalihom fil-ktieb imsemmi billi jghid li dawn il-passaggi huma kollha inveritjeri u kienu intizi biss biex ihamgulu ismu u jirriflettu fuq l-integrita' tieghu.

"L-attur xehed li hu qed joggezzjona ghall parti fil-ktieb fejn ir-ritratt tieghu tpogga flimkien ma' dawk ta' traffikanti tad-droga (ara fol. 128 et seq). Qed joggezzjona ukoll ghall dawk il-partijiet fil-ktieb fejn qed jigi allegat li pprova

jikkorrompi Ministru u li kien imdahhal f'korruzzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-bini tal-isptar San Raffaele. L-attur jichad li kien imdahhal f'xi korruzzjoni jew tangenti, u jsosstni li qatt ma gie nvestigat jew akkuzat dwar dana, jew li kellu x'jaqsam mal-progett tal-bini tal-isptar.

"L-attur qed joggezzjona wkoll ghall artikolu li deher fil-gurnal il-Kulhadd intitolat Tangenti f'San Raffaele: It-Taljan Ciro del Negro jallega…. Il-Konsulent ta' Louis Galea jichad, fejn saret l-istess allegazzjoni dwar tangenti u korruzzjoni.

"Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut wiegeb li l-kitba mhiex libelluza, u li hi rappurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, konsistenti f'intervisti u pubblikazzjonijiet koperti b'privilegg u li jikkontjenu *fair comment.*

"Il-konvenut xehed li l-isem tal-attur kien issemma fil-kumpilazzjoni ta' Meinrad Calleja in konnessjoni ma' tangenti dwar l-isptar il-gdid San Raffaele. Wara rapport fidil tal-kumpilazzjoni ta' Meinrad Calleja, Bezzina hareg stqarrija fejn cahad dak li kien allegat fuqu fil-Qorti. Ix-xhud jghid li hu mbaghad kompla jinvestiga u kien intervista lil Ciro del Negro u dan ikkonfermalu dak li kien intqal fil-Qorti. Ighid li fl-artikolu hu ma wasal ghal ebda konkluzzjoni jew tah kredibilita' lil wiehed u mhux lill-iehor imma halla f'idejn il-qarrejja biex jikkonkludu. Fl-istatement (a fol. 145) ta' Ciro del Negro kien hemm allegazzjoni dwar tangenti li fih suppost kien involut l-attur u Ciro del Negro ikkonferma dawn l-allegazzjonijiet meta l-konvenut intervistah f'Salerno (ara fol. 217) u anke ghamel affidavit (fol. 204). Fl-artikolu tal "Kulhadd" kif ukoll fil-ktieb, il-konvenut xandar l-istqarrija ta' Bezzina u dak li qal Ciro del Negro b'hekk il-pubbliku setgha jsegwi dak li hareg fil-Qorti. L-attur ikkonfronta dawn il-versjonijiet b'kummenti ohra. Fuq dik l-allegazzjoni kien infetah *file* mil-Pulizija pero` dawn ma pprocedewx biex iressqu lil xi hadd.

"Xehed ukoll l-Assistant Kummissarju Michael Cassar li qal li Norman Bezzina kien issemma minn Etienne Gatt

meta kien qed jinterrogah in konnessjoni mal-kaz ta' Meinrad Calleja. Semmieh ukoll Ciro Del Negro meta kien qed jinvestigah u hadlu stqarrija ( fol. 145). Del Negro kien anke pprezenta affidávit b'dikarazzjoni dwar l-allegazzjoni li Bezzina kien talab xi *percentage* ghal *prequalifications* tat-*tender* ta' San Raffaele. Hu ma kienx interroga lil Bezzina izda kien ghadda l-kaz lis-Superjuri tieghu izda dawn ma hadux passi kontra tieghu billi ma deherilhomx li kien hemm provi fuq hiex jipprocedu. Fis-sena 1994 hu diga kellu nformazzjoni dwar Bezzina fuq importazzjoni ta' droga imma ma kienx qed jinvestigah.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Il-konvenut qed jinvoka l-privilegg kwalifikat introdott fil-Kap 248 bl-Artikolu 18 tal-Att X tan 1996 li jirreferi ghalih l-Artikolu 12A.[1]

"Fil-kaz in ezami l-konvenut pero` hu biss l-awtur tal-ktieb in kwistjoni u mhux l-editur jew il-persuna responsabbili ghall pubblikazzjon tal-ktieb in kwistjoni. Inoltre l-artikolu 12A jezigi li d-diskors ikun sar f'avveniment pubbliku importanti, mentri f'dan il-kaz il-konvenut ma kienx qed jirrapporta affarijiet li nghadu f'avveniment pubbliku importanti izda rriproduca stqarrija u rappurtagg ta' intervista li l-konvenut ghamel lil Ciro del Negro f' Salerno. Din l-intervista ma tistax tigi ghalhekk kunsidrata bhala diskors li jkun sar f'avveniment pubbliku importanti. Konsegwentement l-Art 12A ma japplikax.

"Il-konvenut isostni wkoll li l-pubblikazzjonijiet kienu privileggati billi kollox hareg minn xhieda u dokumentazzjoni tal-Qorti u minn dokumentazzjoni ufficjali tal-investigazzjoni tal-Pulizija u minn intervisti ta' persuni mportanti f'dak li kien qed jigi rapportat. Il-konvenut

[1] **12A.** Fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Att tkun difiza ghall-editur jew ghar-responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni tal-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika.

ghamel riferenza ghall artikolu 33 (b) u (d) tal-kap 248. Dawn jipprovvdu hekk:

"***33.*** *Ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin:*

"*(b) pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici, jew bejn ufficjali u kuntratturi bhal dawk tas-servizz pubbliku jew ufficjali ta' korporazzjonijiet pubblici, rapporti ta' inkjesti*

"*(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm-il darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew procedimenti ma tkunx projbita b'ligi jew mill-qorti:*

"Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami l-artikolu 33(d) Kap 248 jista' jkun applikabbili biss in parti billi mhux id-dokumenti kollha li saret riferenza ghalihom mill-konvenut kienu proprjament parti minn procedimenti tal-Qorti. Il-priviliegg ma japplikax ghall ktieb kollu. Dak li l-Qorti se tikkunsidra aktar il-quddiem f'dan ir-rigward ghandu jittiehed fil-kuntest ukoll tal-principji legali li l-Qorti se taghmel referenza ghalihom issa.

"**Principji legali**

"L-awtur **Gately ("On Libel and Slander")** jiddefinixxi l-libell bhala "*Any written or printed words which tend to lower a person in the estimation of a right-thinking man or cause him to be shunned or avoided or expose him to hatred, contempt or ridicule".*

"Kwantu ghad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni, in tema generali, jinghad li kwalunkwe interferenza jew restrizzjoni (specjalment fil-qasam gurnalistiku) trid tkun mehtiega f'socjeta' demokratika, trid tkun awtorizzata b'ligi, trid tkun maghmula ghal skop legittimu u r-restrizzjoni trid tkun proporzjonata ghall-iskop legittimu li jrid jintlahaq.

"Ghalhekk principju ewlieni huwa d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u l-ligijiet tal-libelli huma li d-deroga ghal dan id-dritt u li ghandha tiga applikata restrittivament aktar u aktar meta tikkoncerna personaggi pubblici u kwistjonijiet ta' interess pubbliku.

"Principju mportanti f'materja ta' libel huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li **s-**socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li **jsemmi** l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* ("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." - A.C.  15 ta' Novembru 1994.  - LXXVIII.II.I.372.).

"F'dak li jirrigwarda l-istampa jinghad li *"Article 10 of the Convenvtion does not guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern.  Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press.  These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"…By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism."* (Bladet Tromso and Stensaas v Norway 20/5/1999 (Para 65).  Ara wkoll *Goodwin v.  The United Kingdom*, 27 ta' Marzu, 1996, u *Fressoz and Roire v. France*, 21 ta' Jannar, 1999).

"Principju iehor ikkonfermat f'diversi sentenzi mill-Qrati taghna u mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Ara "Onor.  Josef Bonnici vs Joe Chetcuti u Frans Ghirxi" (Citazzjoni Numru 1543/96/NA – 26 ta' Marzu 1999) u "Rev.  Mons.  Dr.  Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja" Citazzjoni Numru 2763/96/NA – 22 ta' Marzu 1999 u

"Ernest Tonna vs Felix Agius" (P.A. (RCP) 21 ta' April 1999). Illi 'nfatti fil-kawza "Dr. Alfred Sant vs Dione Borg et" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) huwa li:-

"*"F'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero` hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ... …,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici".*

"Konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat huma fatti ngurjuzi. ("Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe" (P.A. (JF) 27 ta' April 1999 – Vol. LXXII. Pt 3/V pg 792).

"Ghalhekk "il-fatti ghandhom ikunu sostanzjalment korretti principalment fir-rigward ta' dawk l-elementi storici li fuqhom l-artikolu jkun ibbazat. Dan ifisser li ma kienx necessarju bhala regola illi l-fatti kollha ndikati mill-artikolista bhala l-bazi ghall-kummenti tieghu, kellhom ikunu ezattament veritjeri. Kien ukoll permess fl-artikolu, kritiku tal-kontro-parti, li jkun hemm xi elementi ta' fatt li ma jkunux jirrizultaw provati, sakemm dawn ma kienux determinanti ghall-fini tal-artikolu. Dan ifisser li l-Qorti kellha thares biex tistablixxi illi s-sustanza tal-fatti kienet vera u li l-fatt li jkun hemm xi cirkostanza minn dawk il-fatti li ma tkunx provata jew ma tkunx adegwatament stabbilita, ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li l-artikolu jkun malafamanti u ngurjuz tal-fama ta' haddiehor. Dan naturalment sakemm il-fatt li jirrizulta li ma jkunx pruvat, jew ma jkunx veritjer, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bhal per ezempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta' rejat. F'dak il-kaz allura, l-ingurja ma tkunx temani mill-artikolu imma

mill-fatt stess tal-addebitu kriminuz li, fih innifsu, ikun jikkostitwixxi l-malafama ndipendentement mill-kontenut tal-artikolu mpunjat. (Ara App Mifsud vs Caruana Galizia 27/4/2001).

“**Tikkunsidra**

“Fil-kaz in ezami kemm fil-ktieb kif ukoll fl-artikolu l-addebitu ewlieni hu li attur kien involut f’xi korruzzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-bini tal-isptar il-gdid billi kien talab flus biex jghin fil-*prequalification stage*. Il-Qorti se titratta f’dina s-sentenza l-allegazzjoni li saret kontra l-attur kemm fil-ktieb kif ukoll fl-artikolu u l-konsiderazzjonijiet li se taghmel f’pubblikazzjoni ghandhom japplikaw ghall ohra.

“Isem l-attur kien isemma fil-kumpilazzjoni ta’ Meinrad Calleja meta dana deher fli-*statement* li kien ghamel Ciro del Negro meta kien qed jigi nvestigat mill-pulizija, liema *statement* gie ezibit fil-kawza ta’ Meinrad Calleja. Dan id-dokumenti kien gie ezibit mill-prosekuzzjoni fl-atti ta’ dik il-kawza u ma jidhirx li kien gie sfilzat imma ntuza bhala prova. Il-konvenut kien irrapporta x’gara f’dik il-kumpilazzjoni u l-attur hareg stqarrija fejn cahad dak li qal Ciro Del Negro fuqu (ara fol. 144). Il-konvenut pero` kompla jinvestiga u ntervista lil Ciro Del Negro u dana ghamel affidávit fejn ikkonferma dak li kien qal qabel fuq l-attur fir-rigward tal-laqgha li kienet saret f’Lukanda fil-Qawra fejn allegatament l-attur talab flus biex jghin fil-process tat-*tendering* tal-isptar il-gdid. Il-konvenut kiteb fl-artikolu u jsemmi fil-ktieb, dak li kien qal Ciro Del Negro fli-*statement* u fl-affidavit kif ukoll fl-intervista li rrilaxxjalu. Il-konvenut pero` jsemmi wkoll l-istqarrija tal-attur fejn cahad dina l-allegazzjoni. Fil-ktieb din id-dikjarazzjoni tidher bhala *footnote* mentri fl-artikolu l-konvenut isemmi d-dikjarazzjoni tal-attur u anke fis-sotto titolu, tal-artikolu hemm imsemmi: “*Ciro del Negro jallega, (Bezzina) jichad”.*

“Jirrizulta mill-provi li l-assistent Kummissarju Michael Cassar ma kienx investiga lill-attur dwar l-allegazzjoniji dwar tangenti msemmija fiz-zewg pubblikazzjonijiet izda

kien ghadda l-*file* lis-superjuri tieghu li pero` deherilhom li ma kienx hemm provi fuq hiex jistghu jmexxu bl-investigazzjonijiet.

“Huwa veru li ripettizzjoni ta’ malafama ma tezentax mir-responsabilita’ lil min ikun irrepetiha imma f’dan il-kaz il-konvenut ma huwiex semplicement jasserixxi bhala fatt pruvat li l-attur kien hati ta’ korruzzjoni izda rrapporta minn naha dak li qal Ciro Del Negro fid-dikjarazzjonijiet li ghamel u li kienu jiffurmaw parti minn atti tal-Qorti kif ukoll ippublika c-cahda tal-attur.  eru li mhux kull ma jghid Ciro Del Negro huwa vangelu izda l-konvenut kellu dritt jirrapporta dak li rrizultalu mill-proceduri gudizzjarji u l-investigazzjonijiet li ghamel u dana fl-interess pubbliku fuq persuna pubblika.

“Jigi notat li ghalkemm fil-bidu l-attur cahad kull konnessjoni ma’ Ciro Del Negro jew li kellu x’jaqsam mall-progett tal-isptar il-gdid, eventwalment accetta li kien iltaqa’ ma Ciro Del Negro, Etienne Gatt u zewg Taljani li kienu kellmuh fuq il-progett tal-isptar, imma nsista li hu ma kellux parti rilevanti f’dak l-inkontru u ma kienx talab flus. Pero` sostanzjalment dak li qal Ciro Del Negro dwar dak l-inkontru jabel mal-fatt kif graw bid-dettalji b’kollox, u l-attur mhux qed jaqbel dwar is-sehem li ha u li huwa qatt ma talab flus.

“Fil-fehma tal-Qorti dak li kiteb il-konvenut fl-artikolu u dak li jissemma fil-ktieb dwar dana l-episodju, ma kienux implikazzjonijiet minghajr fundament.  Kien fl-interess pubbliku, fejn l-attur kien ukoll personagg pubbliku[2], li dina l-materja tigi rapportata.  Dak li qal Ciro Del Negro fil-konfront tal-attur intqal fil-kuntest ta’ xi haga li tista’ tikkwalifika bhala ta’ interess pubbliku.

“L-attur hassu ngurjat ukoll ghax inghatat l-impressjoni fil-ktieb (ara ritratt a fol. 128 et seq) li huwa kellu x’jaqsam ma’ personaggi notorji bhal Meinrad Calleja u Leli l-Bully.

[2] L-attur kellu funzjoni pubblika billi kien konsulent tal-Ministru Dr.Louis Galea.

“Meta deher il-ktieb u l-artikolu in kwistjoni ma kien hemm xejn x’jorbot lill-attur ma’ traffikar ta’ droga. F’dak il-perjodu l-Pulizija ma kellha ebda nvestigazzjoni ghaddejja kontra Bezzina dwar traffikar ta’ droga (ghalkemm ismu kien diga beda jissemma anke dak iz-zmien) imma kien infetah biss *file* dwar l-allegazzjoni fuq tangenti. Illum Bezzina jinsab akkuzat ta’ importazzjoni/traffikar ta’ droga ghall fatti li allegatament saru fit-2001 wara li nkiteb il-ktieb u l-artikolu. Dan il-fatt ma jistax iservi lill-konvenut bhala difiza, izda l-Qorti tirrileva li l-personaggi ndikati jissemmew fli-*statement* ta’ Ciro Del Negro bhala nies fic-cirku li l-attur kien jiffrekwenta f’certu ufficcju. Wara mbaghad rrizulta dak li rrizulta dwar dawn il-persunaggi.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-artikolu u s-siltiet mill-ktieb inkriminat li jikkoncernaw l-attur mhumiex fic-cirkostanzi libelluzi kif fuq spjegat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur, minnu pprezentat fit-3 ta’ Jannar 2008, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
“... ... ... tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Dicembru 2007 in kwantu cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu, billi tilqa’ t-talbiet tal-atur appellant u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, bl-ispejjez kontra tieghu.”

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol. 8 tal-atti tal-appell) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
“... ... ... tichad l-appell tal-attur u tikkonferma minflok id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ta' malafama li l-attur qed jallega li sofra b'allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu fil-ktieb "Id-Djarju ta' Ciro del Negro" li ppubblika l-konvenut. L-attur jghid li hassu ingurjat ghax fil-ktieb inghatat l-impressjoni li hu kellu kuntatt ma' Ciro del Negro u li, b'xi mod, kellu x'jaqsam ma' persuni notorji bhal Meinrad Calleja u Leli "il-Bully". Inoltre, l-attur jilmenta fuq siltiet mill-ktieb li jallegaw li hu kien involut f'xi korruzzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-bini tal-isptar Mater Dei. L-attur cahad dawn l-allegazzjonijiet.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-attur wara li qieset li dak li hu rapportat fil-ktieb "ma kienux implikazzjonijiet minghajr fundament", u peress li l-attur kien persuna pubblika (l-attur kien konsulent tal-allura ministru l-Onorevoli Dottor Louis Galea), rapportagg u/jew investigazzjoni dwar certu allegazzjonijiet kellhom jitqiesu li kienu fl-interess pubbliku.

L-attur appella mis-sentenza u sostna li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu kienu inveritjeri u ta' hsara ghad-dinjita` tieghu.

Din il-Qorti tara li m'ghandhiex ghalfejn tirrepeti l-fatti li waslu ghal din il-kawza, peress li dawn jinsabu riprodotti fis-sentenza tal-ewwel Qorti, partikolarment fis-sezzjoni intestata "Tikkunsidra", u dawn ma gewx kontradetti mill-partijiet. Fid-dawl ta' dawk ic-cirkostanzi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li, dak li ppubblika l-konvenut, fil-kuntest ta' gurnalizmu investigattiv, ma jistax jitqies malafamanti. Il-konvenut qaghad attent li jipproduci x'intqal fuq l-attur minn Ciro del Negro u x'irrizulta fi proceduri legali quddiem il-qrati, u ipproduca wkoll ic-cahda li ghamel l-attur fil-kuntest tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu. Hu veru li l-Pulizija investigaw l-allegazzjonijiet, u dehrilhom li ma kienx hemm provi fuq hiex jinizzjaw prosekuzzjoni, pero`, jibqa' l-fatt li l-attur kien persuna pubblika u bhala tali soggett ghall-investigazzjoni gurnalistika.

Il-konvenut ma vvintax storja, u lanqas ma nissel allegazzjoni minn semplici riferenza ghal isem l-attur fid-

djarju ta' Ciro del Negro (ara **Galea v. Bedingfield** deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 2010); f'dan id-djarju, din il-persuna implikat direttament lill-attur fil-korruzzjoni, u ghalkemm l-attur cahad l-involviment tieghu u l-pulizija ma sabux provi fuq hiex jipprocedu, il-konvenut, bhala gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' <u>gurnalizmu investigattiv serju</u>, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza **Aquilina noe v. L-Avukat Generali et.**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwisjtoni: "*Fil-kawza **Galea v. Mifsud**, deicza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu <u>investigattiv</u> ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu vermanet investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. **Victor Pace v. Joe Azzopardi et.** Qorti tal-Appell, 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li, jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilita` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubruu 2006 fl-ismijiet **Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL** [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih."*"

F'dan il-kaz cioe` fir-rigward tal-attur appellant Norman Bezzina (u a differenza ta' dak li l-konvenut seta' ghamel fil-ktieb in kwistjoni fir-rigward ta' persuni ohra), il-konvenut mhux biss irrefera ghal dokument li kien gie esebit fil-qrati, izda ha l-briga li jfittex u jintervista direttament lil Ciro del Negro u dan biex ikompli jelabora

fuq dak li hareg mid-djarju tal-istess del Negro. Tali investigazzjoni timmerita l-protezzjoni marbuta mal-liberta` tal-istampa.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ricensuri tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fid-19 ta' Jannar, 2010, fil-kaz fl-ismijiet **Laranjeira Marques da Silva v. Protugal**. Dak il-kaz kien jittratta artikolu ippubblikat mill-applikant bhala gurnalist wara akkuza li politikant u tabib kien abbuza sesswalment minn pazjent. Il-Qorti Ewropea qalet li meta l-gurnalist instab hati ta' malafama kien inkisirlu d-dritt tieghu ghal-liberta` ta' espressjoni, ghax hu fl-interess pubbliku li l-media taghti informazzjoni dwar dak li fihom nies pubblici jkunu involuti. Fil-Press Release mahruga mir-registratur tal-Qorti Ewropea, id-decizjoni tal-Qorti Ewropea giet hekk imfissra:
"*The applicant's conviction for defamation:*

*"The Court accepted that the disputed articles had dealt with matters of general interest, as the public had the right to be informed about investigations concerning political activities. Furthermore, the issues before the courts could be discussed at any time in the press and by the public.*

*"As to the nature of the two articles, the Court pointed out that Mr Laranjeira Marques da Silva had simply imparted information concerning the criminal proceedings in question, despite adopting a critical stance towards the accused. The Court observed in that connection that it was not its place or that of the national courts to substitute their own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted. As to the editor's note, the Court took the view that, notwithstanding one sentence which was more properly to be regarded as a value judgement, it had had a sufficient basis in fact in the broader context of the media coverage of the case.*

*Hence, while the resons given by the national courts for Mr Laranjeira Marques da Silva's conviction had been relevant, the authorities had not given any pressing social reasons justifying the interference with the applicant's*

*right to freedom of expression. The Court further noted that the penalties imposed on the applicant had been excessive and liable to discourage the exercise of media freedom.*

*"The Court therefore held, by five votes to two, that there had been a violation of Article 10."*

Anke, f'dan il-kaz, il-materji riferibbilment ghall-attur appellant kienu ta' interess generali, u ghalhekk sakemm dawk l-allegazzjonijiet jigu investigati b'mod serju u prudenti minn gurnalist u minghajr motivi jew skopijiet ulterjuri (tali motivi u skopijiet ulterjuri normalment ikunu subdolament travizati) ma jistax jinghad li jkun hemm diffamazzjoni permezz tal-istampa (jew permezz ta' xi mezz iehor li ghalih tirreferi l-ligi). L-importanti hu li r-rapportagg ikun korrett u *fair* u li meta jkun hemm cahda ta' dawk l-allegazzjonijiet, jew spjegazzjoni, l-istess tigi wkoll irrapportata u meqjusa. Hekk sar f'dan il-kaz riferibbilment ghall-attur, u din il-Qorti, allura, ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------